MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 35

15 ta' Marzu 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 35 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-minuta 2.2.5. (Ref: K/1/2/Vol IV) tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u talab li din tiġi emendata kif jidher hawn taħt:

*"2.2.5. Fid-dawl tar-rapport tal-Contracts Manager, il-Kunsill iddeċieda li għandu jikkonsidra x-xiri tal-Mellieħa Sports Club. Għalhekk is-Sindku ppropona li f'dan l-istadju għandha ssir laqgħa mal-kumitat tal-istess klabb sabiex jibdew in-negozjati dwar il-prezz.".*

1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.4. (Ref: F/1/2/Vol VI) tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"16.2. Is-Sindku rrefera għall-item Nru. 3 tal-Isqarrijiet Finanzjarji u staqsa minn x'hiex huwa magħmul l-Other Government Income. Is-Sur C. Vella wieġeb l-figura ta' €98,000 kienet imqassma kif jidher hawn taħt:*

| | |
|---|---|
| *Skema Fondi Bżonnijiet Speċjali* | *€23,000* |
| *Premju Lokalitajiet Indaf* | *€30,000* |
| *Local Enterprise Award* | *€40,000* |
| *Local Green Challenge Award* | *€ 5,000.* |

*Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-fatt li l-Kunsill kien applika sabiex jingħata fondi taħt l-Iskema dwar Proġetti Speċjali, li permezz tagħha kienu ġew allokati €20,000 b'risq il-proġett ta' Triq Qasam Barrani. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-fondi kienu għadhom ma daħlux fil-kotba minħabba li l-kontijiet dwarhom kienu għadhom ma' ġew mgħoddija lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħalli jgħaddi l-fondi allokati.".*

1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 1.5. (Ref: A/5/3/1/Vol XI) tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"1.5. Is-Sindku fakkar li s-serata ser tkun taħt il-patroċinju tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni - l-Onor. Chris Said. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li huwa flimkien mal-Kunsillier C. Bartolo ddiskutew s-sekwenza tal-kontenut fil-programm tas-serata u qablu li dan ikun kif ġej:*

- *Wiri ta' feature dwar l-għoti tal-Premju European Destination of Excellence lill-Mellieħa;*
- *Musical – "L-Imħabba Fuq l-Għolja";*
- *Preżentazzjoni tal-onorefiċenzi tar-Rikonoxximent mill-Kunsillieri J. Azzopardi, J. Buttigieg, u H. Fenech.*
- *Preżentazzjoni tal-onorefiċenza tal-Ġieħ mill-Viċi Sindku E. Bartolo;*
- *Wiri ta' feature dwar l-għoti tal-Local Enterprise Award lill-Mellieħa;*
- *Preżentazzjoni ta' mementos lill-Mellieħa Football Nursery, il-Mellieħa Stage Friends, u l-Art Club 2000 u lis-Sur Timothy Gronow ex-President tal-British Residents Association mill-Kunsillieri C. Bartolo u P. Cutajar; u*
- *Preżentazzjoni ta' mementos lill-ex-skrivani mal-Kunsill mis-Sindku R. Cutajar.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 34 li nbdiet fil-15 u tkompliet fit-23 ta' Frar 2010, ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (REŻR) 2007-2013 (E/6)

2.1.2. **Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti dwar il-possibilta` li jiġu nstallati pannelli fotovoltaiċi permezz tal-fond imsemmi. Is-Sur C. Debono qal li minn stħarriġ li huwa għamel, irriżulta li l-Iskola Primarja tal-Mellieħa diġa hija nkluża fi skema mniedija mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex isiru l-pannelli permezz tal-istess skema. Intqal ukoll li l-Kunsill għalhekk irid jikkonsidra alternattivi oħra. Minkejja dan xorta waħda saru rappreżentazzjonijiet mal-Kap tal-Iskola biex dan jiġi verifikat.**

2.1.3. **Il-Kunsill kien tal-fehma li ma jeżistix bini pubbliku fil-lokalita` li għandu bjut kbar daqs l-Iskola Primarja, u għalhekk iddeċieda li għandu jinkiseb mill-parir professjonali ta' inġinier.**

### 2.2.1. Estensjoni tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (K/1/2/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.6. tas-seduta preċedenti, fejn ingħat li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar negożjar dirett fuq ix-xiri tal-bini li kien użat bħala l-Mellieħa Sports Club fi Triq il-Madonna Ta' Fatima. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li permezz ta' *e-mail* datat 15 ta' Marzu 2010, id-Direttur is-Sur Natalino Attard wieġeb li fiċ-ċirkostanzi u billi l-kunsill m'ghandux għazla oħra jekk irid ikabbar il-bini tal-Kunsill, m'hemmx oġġezzjoni li jsiru negozjati mas-sid tal-bini msemmi.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lill-kumitat tal-Mellieħa Sports Club sabiex issir laqgħa ħalli jibdew in-negozjati.

### 2.3.1. Żjara mill-Patrijarka tal-Knisja Ortodossa Sirjana (M/6/Vol V)(R/2/Vol II)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li għadha ma ngħatatx konferma uffiċjali dwar iż-żjara msemmija.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Laqgħa Ġenerali għar-residenti tal-Manikata (M/1)

2.4.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kumitat tar-Residenti Manikata wera x-xewqa li jiltaqa' mal-Kunsill. Huwa ppropona li din il-laqgħa ssir waqt is-seduta li jmiss.

2.4.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.5.1. Proġett "*2 Coasts – 1 Europe*" fil-Polonja (P/10/6)**

2.5.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti. Huwa qal li saru diversi laqgħa biex jitħejjew preżentazzjonijiet li ser jittellgħa waqt iż-żjara f'Lblag fil-Polonja. Dawn jittrattaw fost oħrajn suġġetti bħalma huma l-ekoloġija, l-ambjent, l-istorja eċċ.

2.5.3. Is-Sur H. Fenech aċċenna wkoll illi minbarra l-ispejjeż tal-vjaġġ, ser ikun hemm it-trasferimenti mill-ajruport tal-Krakovja sa l-Lblag u lura, kif ukoll jumejn akkomodazzjoni, liema spiża tammonta għal €506. Huwa għalhekk talab lill-Kunsill sabiex javvanzjalu dan l-ammont sabiex ikun jista' jitħallas waqt li l-grupp ikun qiegħed il-Polonja. Il-Kunsill approva.

2.5.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa għaliex f'dan il-każ ma' ġiex involut il-kunsillier responsabbli mill-ambjent. Huwa osserva wkoll illi l-kordinaturi li ser jakkumpanja ż-żgħażagħ ġejjin mill-istess grupp politiku, meta dejjem kienet il-prassi li f'okkażjonijiet simili jkun hemm parteċipazzjoni miż-żewġ naħat.

2.5.5. Is-Sindku qal li dan is-suġġett kien ġie diskuss f'seduti oħra u qatt ma jidhirlu li kien hemm oġġezzjoni li l-kordinaturi jkunu l-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier H. Fenech. Is-Sindku lmenta mill-fatt s-Sotto-Kumitat Ambjent ilu ma jitlaqqgħa għal aktar minn sena u għalhekk ma jistax jitqies bħala punt ta' referenza f'dan ir-rigward.

2.5.6. Is-Sur H. Fenech ikkummenta li huwa ġie magħżul bħala wieħed mill-kordinaturi peress li huwa l-kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ.

2.5.7. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sur H. Fenech għarraf li l-organizzaturi ta' dan il-proġett qed jaħdmu fuq proġett ieħor li jinvolvi t-tagħlim tal-lingwa Ingliża u talbuh sabiex jindika żewġ għalliema li jkunu disposti li jmorru l-jgħalmu dan is-suġġett għall-ġimgħa fix-xahar ta' Settembru 2010 għal sitt siegħat kuljum, bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Huma lesti jħallsu bir-rata ta' €25 fis-siegħa.

2.5.8. Waqt din id-diskussjoni ssemmew xi għalliema li jistgħu jiġu kkuntattjati.

**2.6.1. Imblukkar ta' passaġġ li minn Triq l-Etna jagħti għax-xifer (T/4/8/2)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għall-applikazzjoni illi saret lill-MEPA – PA 3934/07 - li tinvolvi l-bini ta' ħajt ta' erba' filati madwar is-sit minn fejn jgħaddi l-passaġġ imsemmi. Huwa qal li attenda għas-seduta tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp meta ġiet diskussa din it-talba u għamel intervent kontra l-iżvilupp in kwistjoni. It-talba ġiet rifjutata mill-Kummissjoni.

2.6.3. Is-Sur R. Cutajar qal li qed isiru arranġamenti sabiex issir laqgħa mad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt sabiex issir laqgħa fl-uffiċċju tiegħu fuq l-interpretazzjoni tas-sentenza li ngħatat dwar il-ħajt tat-triq u l-passaġġ.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Parkeġġ riżervat fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/8/2/Vol III)**

2.7.2. Saret referenza għall-minuta 4.5.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti, u għarraf li permezz ta' ittra datata 11 ta' Frar 2010, ir-Roads and Infrastructure Directorate fi ħdan Transport Malta għarrfu lill-Kunsill illi l-arranġamenti attwali dwar il-parkeġġ riżervat għall-familja Cilia, ser jibqgħu fis-seħħ.

2.7.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li din il-posizzjoni aktar tagħmel sens, billi bl-azzjoni li kienet qed tieħu, Transport Malta kienet qed tkun inkonsistenti billi tinvolvi l-Kunsill fid-tibdil tal-arranġamenti fis-seħħ li ntroduċiet l-istess awtorita`.

**2.8.1. Jum il-Kunsill 2010 (A/5/3/1/Vol XI)**

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u kkummenta li huwa sodisfatt ħafna bl-andament tal-attivitajiet li kienu marbuta ma' din l-okkażjonijiet, partikularment bis-suċċess li kellu l-*musical* "Imħabba Fuq l-Għolja" li huwa kkalkulat li rawħ 1,300 ruħ, fit-tliet rappreżentazzjonijiet li saru fis-Sala tal-Komunita`. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta wkoll li ħa pjaċir illi l-Kandidat tal-Partit Laburista - Dr Joe Mifsud — li kien preżenti għas-serata tas-26 ta' Frar, irrefera għall-din l-okkażjoni b'mod pożittiv f'wieħed mill-artikoli tiegħu fil-gazzetta l-Orizzont.

2.8.3. Tressaq ukoll rendikont tad-dħul u l-infieq li kien hemm marbut ma' dawn l-attivitajiet, li qed jiġi mehmuż ma' dawn il-minuti.

2.9.1. **Ftehim dwar il-ġbir ta' skart tal-ippakkeġġjar u skart reċiklabbli ieħor (K/6/2/Vol V)(K/6/10/Vol III)**

2.9.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-minuta 9.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u qal li jeħtieġ illi ssir laqgħa ma' Green MT Ltd sabiex jiġi stabbilit meta ser jitqassmu l-boroż il-griżi lir-residenti tal-lokalita`, jiġu installati l-cameras u l-arranġamenti li saru mal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku.

2.9.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.10.1. Korsijiet organizzati mill-Kunsill (E/3/1/9/Vol III)(E/3/1/Vol VIII)**

2.10.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u għarraf li hemm 56 persuna li applikaw għall-korsijiet tal-kompjuter, 13 minnhom għall-ECDL u 33 ser jibdew l-użu tal-kompjuter għall-ewwel darba.

2.10.2. Is-Segretarju għarraf li TCTC Ltd tejjbu l-faċilitajiet fil-klassi użata għal dawn il-korsijiet, billi ġabu apparat ġdid, inkluż *projector* u nstallaw *air conditioner* għas-spejjeż tagħhom. L-istess ditta pprovdiet imwejjed ġodda addattati għall-kompjuters, li ser jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill. Biex tikkumpensa għall-faċilitajiet offruti mill-Kunsill, TCTC Ltd offrew il-kors E-Tfal mingħajr ħlas.

2.10.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li attwalment hemm 26 persuna li qed jattendu l-korsijiet fil-lingwa Maltija permezz tal-proġett *Life Long Learning* tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

**2.11.1. Park tal-Majjistral (A/4/10)**

2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 17.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u qal li fit-2 ta' Marzu 2010 saret laqgħa fis-Sala tal-Komunita` għall-i*stakeholders* kollha tal-Park tal-Majjistral, li kien hemm attendenza numeruża għaliha. Il-minuti tagħha ġew mgħoddija qabel is-seduta. Is-Sur R. Cutajar qal li permezz ta' din il-laqgħa huwa qiegħed f'posizzjoni aħjar li jwassal l-fehmiet espressi lill-Bord tal-Park biex jiddeċiedi dwar liema aċċessi għandhom jiġu kkontrollati. Laqgħa oħra tal-Bord ser issir fis-16 ta' Marzu 2010.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Animal Fest 2010 (A/5/3/Vol X)**

2.12.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 20.1. tal-ewwel parti tas-seduta u qal li flimkien mal-maratona annwali li tiġi organizata mill-Mellieħa Athletic Club, ser ikun hemm il-purċissjoni ta' San Gużepp, li ġiet trasferita għat-2 ta' Mejju 2010, minħabba ż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta. Minħabba din ir-raġuni l-i*stands* ser jinfetħu minn kmieni, filwaqt li wirjiet li ser jispiċċaw sal-4.30pm.

2.12.3. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti li qed isiru.

**2.13.1. *Tournament* tas-*Snooker* u l-*American Pool* (S/4/2/Vol III)**

2.13.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 21.1. u qal li fil-finali tal-*American Pool* li saret fil-25 ta' Frar 2010 fil-Mellieħa Sports Club ir-riżultati kienu kif ġej:

1. Billy's Music Club – Tim A
2. Billy's Music Club – Tim B
3. Selmun Bar Kiwi
4. Selmun Bar

2.13.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fil-finali tas-*Snooker* li saret fil-5 ta' Marzu 2010 fl-Imperial Band Club, ir-riżultati kienu kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Edward Deguara | Mellieħa Sports Club |
| 2. | Chris Bugeja | Imperial Band Club |
| 3. | Kevin Vella | Ċentru Laburista Mellieħa |
| 4. | Robert Falzon | Ċentru Laburista Mellieħa. |

2.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 03/02/10 – 11/03/10
- *Purchase Request Form* – 15/03/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 24/12/09 – 09/02/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 10/02/10 – 25/02/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 26/02/10 – 01/03/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Laqgħa mal-I*stakeholders* – Park tal-Majjistral – 02/03/10
- Rendikont Finanzjarju – Jum il-Kunsill 2010
- Estimi Finanzarji 2010
- Pjan ta' Ħidma 2010 - 2012

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi (K/12/1)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-Memo 37/2010 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali tat-22 ta' Frar 2010, dwar is-suġġett t'hawn fuq. Fid-dawl tal-preparamenti għal din il-konferenza ta' jumejn, id-Dipartiment u l-Kumitat Organizzattiv talab lill-Kunsilli Lokali li għandhom xi ġemellaġġ sabiex:

- Jinnominaw persuna mill-kunsill tagħhom sabiex iservi ta' *contact point* biex tgħin fil-preparamenti meħtieġa;
- Jintbagħtu stedin lil-lokalitajiet ġemellati għal din il-konferenza u jintalbu jgħidu dwar l-interess li jattendu; u
- Jiġu mistiedna artisti (żeffiena, pitturi, mużiċisti eċċ) kif ukoll artiġġjana u produtturi lokali biex jesibixxu x-xogħlijiet u l-prodotti tagħhom.

4.1.3. Is-Sindku għarraf li l-konferenza dwar il-ġemellaġġi ser tkun fl-istess żmien li jkun għaddej f'Malta stess, il-*European Tourism Forum*, fejn huwa diġa qed jirrappreżenta lill-Kunsill fuq il-Kumitat Organizzattiv, peress li dan ser isir fil-Mellieħa. Huwa għalhekk ippropona li fir-rigward tal-konferenza dwar il-ġemellaġġi, il-persuni li għandu jsir kuntatt magħhom huma miegħu bħala Sindku jew mas-Segretarju.

4.1.4. Permezz ta' *e-mail* datat 23 ta' Frar 2010, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għarraf ukoll li is-sehem fil-konferenza se jkun bla Hlas, filwaqt li l-Kumitat Organizzattiv qed jaħdem biex jikseb *sponsorships* u għajnuniet oħra biex tittella' din il-konferenza, bil-possibilta` wkoll li jkun hemm sussidji u rati vantaġġjużi għall-ivjaġġar. Aktar tagħrif jingħata fil-ġimgħat li ġejjin wara li tkun ġiet stabbilita l-loġistika.

4.1.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jintbagħtu stedin lill-Kunsilli Lokali li l-Mellieħa għandha ġemellaġġi magħhom, iżda kien hemm qbil ukoll li d-Dipartiment għandu jiġi mistoqsi dwar jekk huwiex ser ikun hemm xi forma ta' għajnuna finanzjarja, partikularment f'dik li hija akkomodazzjoni.

### 4.2.1. Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Programm Operattiv I (T/12/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għall-Memo 39/2010 datat 4 ta' Marzu 2010, fejn tħabbar li id-Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Kordinazzjoni tal-Projoritajiet (PPCD) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru nehdiet sejħa għall-proposti dwar proġetti u li se jkunu parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-fond imsemmi. L-applikazzjonijiet sottomessi għandhom ikunu għal proġetti li jaqgħu taħt l-Assi ta' Prijorita` 3 – Il-Promozzjoni ta' Turiżmu Sostenibbli bis-setturi partikulari li jinkludu l-Iżvilupp tal-Prodott u l-Iżvilupp ta' Swieq Turistiċi Partikulari u Speċifiċi u l-*Branding*. Ġie spjegat li l-għan tas-sejħa se jkun biex jittejjeb l-ambjent fiżiku bħala parti mill-prodott turistiku Malti, filwaqt li l-proġetti għandhom juru b'mod ċar il-benefiċċju dirett tal-intervent fuq l-industrija tat-turiżmu fil-lokalita`. Is-sejħa tagħlaq f'nofsinhar tad-19 ta' April 2010.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu japplika u għalhekk ġie deċiż li dan l-inkarigu għandu jiġi fdat lill-konsulenti nkarigati fuq programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea.

### 4.3.1. Estensjoni tal-Pergola Club Hotel (P/5/8/1)

4.3.2. Saret referenza għall-applikazzjoni (PA 285/09) li tinvolvi t-tkabbir tal-Pergola Club Hotel fi Triq Adenau, li saret wara li kien hemm *outline development application* PA 3206/06. Il-Kunsill ġie mgħarraf li t-talba tinvolvi ż-żieda ta' żewġ sulari fuq in-naħa ta` Triq Snajjin. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għar-rappreżentazzjonijiet li diġa saru mal-MEPA li jinvolvu l-għoli tal-bini u ż-żieda fid-domanda għall-*parking*.

4.3.3. Il-Kunsillier P. Cutajar ikkummenta li l-MEPA tista' tikkonsidra żieda fl-għoli fil-każ tal-lukanda, irrispettivament mil-limitu stabbilit fil-Pjan Lokali.

4.3.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa ta' informazzjoni mal-applikant, kemm-il darba ż-żmien mogħti mill-MEPA sabiex isiru rappreżentazzjonijiet, ikun jippermetti.

### 4.4.1. Estensjoni tas-Solana Hotel (P/5/8/D)

4.4.2. Saret referenza għal applikazzjoni (PA 1220/09) dwar it-tkabbir tas-Solana Hotel biż-żieda fl-għoli tal-bini eżistenti.

4.4.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li minkejja l-*footprint* tal-bini mhux ser jiġi affettwat, l-estensjoni tas-Solana ser tħalli impatt vizwali, billi tinsab fil-qalba tal-parti urbana, kif ukoll ser tkompli żżid id-domanda għall-*parking* fil-madwar.

4.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa ta' informazzjoni mal-applikant u r-residenti tal-madwar, kemm-il darba ż-żmien mogħti mill-MEPA sabiex isiru rappreżentazzjonijiet ikun jippermetti.

### 4.5.1. Attivita` b'risq l-Istitut Saint Patrick's (A/6/3/2/Vol VIII)

4.5.2. Inqrat ittra datata 4 ta' Marzu 2010, mibgħuta mis-Sur David Fenech, fejn talab lill-Kunsill sabiex jingħata permess ħalli tintrama tinda f'Misraħ il-Parroċċa bejn it-18 u d-19 ta' Marzu 2010. Dan bil-għan li tittellgħa attivita' bil-kollaborazzjoni tal-operatur ta' All Friends Square Bar b'risq l-Istitut tas-Saint Patrick's immexxi mill-Patrijiet Sależjani ta' Don Bosco. L-organizzaturi talbu wkoll lill-Kunsill jeżentahom mill-ħlas tal-permess.

4.5.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 4.6.1. *Neighbourhood Watch* f'Santa Marija Estate (N/2)

4.6.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għal ittra datata 12 ta' Marzu 2010, mibgħuta mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate, dwar it-tisħiħ tan-*neighbourhood watch* ġewwa Santa Marija Estate. Fl-istess ittra ġie propost li għandha ssir laqgħa għar-residenti fl-10 ta' April 2010, li tiġi ndirizzata mill-Viċi-Sindku, l-Ispettur tad-Diviżjoni tal-Pulizija Therese Sciberras u kelliema oħra mill-qasam tal-assikurazzjoni u s-sigurta`.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob sabiex jintużaw il-faċilitajiet li hemm fl-Iskola Primarja.

### 4.7.1. Mixja b'risq il-Fond Puttinu Cares (S/6/Vol IV)

4.7.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal *e-mail* datat 15 ta' Marzu 2010, li huwa bgħat lis-Saint John's Ambulance Brigade sabiex jipprovdi servizz ta' ambulanza u persuni kwalifikati sabiex jakkumpanjaw grupp ta' madwar 100 persuna waqt mixja bejn il-Mellieħa u l-Isla bil-għan li jinġabru fondi b'risq il-Fond Puttinu Cares fit-2 ta' April 2010 – fil-Ġimgħa l-Kbira. Huwa staqsa dwar jekk dan is-servizz jistax jiġi pprovdut bejn il-Mosta u l-Isla u jekk ikunx hemm spejjeż marbuta miegħu.

4.7.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa qed jagħti s-sehem tiegħu fl-attivita` bit-tqassim ta' *posters* fil-ħwienet, kif ukoll billi poġġa l-attivita` fuq l-intranet tal-Gvern.

4.7.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet, filwaqt li qabel li għandu jagħti l-kontribut tiegħu.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 15 ta' Marzu 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-3 ta' Frar u l-11 ta' Marzu 2010. Tressqu wkoll tliet skedi ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash,* li flimkien jkopru bejn l-24 ta' Diċembru 2009 u l-1 ta' Marzu 2010.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut tal-iskedi kollha mressqa u approva l-pagamenti elenkati.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi skond il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skond it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandu jiġi ppreżentat il-*Budget* u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Marzu ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduta Nru. 33 tat-18 ta' Jannar 2010, kif ukoll saret laqgħa għar-residenti tal-lokalita`, skond ma jitlob l-imsemmi Att;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2010 u l-*Business Plan* għas-snin 2010/2012, skond l-abbozz finali mressaq.". (F/1/21)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku E. Bartolo, illi tgħid:

**"Billi l-kuntratt illi jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq Urbani skada fit-30 ta` Settembru 2006;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (10/2006) skond l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u fid-dawl tar-rakkomandazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board*, fil-laqgħa li saret fit-23 ta' Frar 2010; u**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2010 hemm ivvutata s-somma ta' €44,000;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' April 2010, mal-uniku offerent - Euro Clean Ltd - li offra servizz ta' tindif mekkanizzat, mgħejjun b'mezzi manwali, bir-rata annwali ta' €36,605.". (T/4/5/Vol IV)**

8.2. Wara li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board* u approva l-mozzjoni unanimament wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku skada fil-31 ta' Ottubru 2009 u għalhekk saret sejħa għall-offerti (11/2009) skond l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009;**

**Billi saret rakkomandazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* sabiex l-offerent B. Grima & Sons jingħata l-kuntratt in kwistjoni; u**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2010 hemm ivvutati somom ta` flus intiżi għall-manutenzjoni u introduzzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin b'effett mill-1 ta' April 2010 mad-ditta B. Grima & Sons, li offriet is-servizzi tagħha bir-rati ndikati fid-dokument ta' l-offerta.". (K/6/4)**

9.2. Wara li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board* u approva l-mozzjoni unanimament wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

**10.1. Ftehim mal-WasteServ Malta Ltd dwar il-kiri ta' *waste recycling bins* fil-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)**

10.2. Is-Segretarju għarraf li ntlaħaq qbil ma' Green MT dwar id-depożitu ta' €2,550, li jkopri il-51 *waste recycling bin* li jinsabu fil-lokalita`. Għaldaqstant WasteServ Malta Ltd intalbu jemendaw il-Klawsola 3 tal-ftehim sabiex din tirrifletti l-arranġament li sar ma' Green MT Ltd. Permezz ta' *e-mail* datata 15 ta' Marzu 2010, WasteServe Malta Ltd wieġbu li in vista tal-arranġamenti li saru bejn il-Kunsill u Green MT Ltd, il-kont ta' €2,550 ser jiġi mgħoddi lill-istess Green MT Ltd.

**11.1 Pubblikazzjoni tal-ktieb "*Quest for Identity – The Mellieħa Experience*" (P/3/5)**

11.2 Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret sejħa għall-istimi permezz ta' avviż f'gazzetta lokali, liema servizz huwa pprovdut mid-Dipartiment għal Gvern Lokali skond Artikolu 40 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali. Is-Segretarju għarraf li kien hemm kwotazzjoni waħda li saret minn Print-It Ltd li stmat l-istampar u l-illegar tal-ktieb imsemmi għas-somma ta' €4,025 inkluż il-VAT.

11.3 Is-Sindku fakkar li dan il-ktieb ser jitqassam lid-delegati waqt il-*European Tourism Forum* u għalhekk qed isiru kuntatti sabiex l-ispiża msemmija tiġi ffinanzjata mill-fond li għandu l-Gvern intiż sabiex jinkoraġġixxi l-organizzazzjoni ta' konferenzi internazzjoni f'Malta.

11.4 Il-Kunsill approva n-nefqa.

**12.1. Sejħa għall-offerti dwar Servizz ta' Ġarr ta' Alka mix-Xtut (X/1/3/Vol IV)**

12.2. Is-Segretarju għarraf li l-kuntratt dwar dan is-servizz skada fi Frar 2010. Huwa għallhekk ippropona li terġa ssir sejħa għall-offerti, fejn jiġi speċifikat li issa l-alka li tinġabar jeħtieġ li tinħatt fil-Magħtab, mhux iktar fil-Barriera tal-Armier, kif kien isir fl-aħħar snin. Is-Sur C. Debono fakkar li dan is-servizz qiegħed jissupplimenta dak mogħti mill-Cleansing Services Department.

12.3. Il-Kunsill awtorizza l-ħruġ tas-sejħa.

**13.1. Attivitajiet fl-lokalitajiet ġemellati (K/1/5/Vol IV)(K/1/5/4)**

13.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill saritlu stedina mill-Kunsill Lokali ta' Adenau ħalli jippartecipa fl-attivitajiet li ser iseħħu hemmhekk bejn is-27 u d-29 ta' Awwissu 2010, biex ifakkar ġemellaġġ ieħor li huma għandhom mal-lokalita` ta' Silery fi Franża. Stedina simili saret mill-Kunsill ta' Agia Napa li qed jorganizzaw l-Agia Napa Festival u Festival Medjevali, bejn l-24 u s-26 ta' Settembru u is-16 u t-23 ta' Ottubru 2010, rispettivament. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-Mellieħa tkun rappreżentati fl-dawn l-okkażjonijiet billi jiġu nkoraġġiti jattendu għaqdiet Melleħin li jippromwovu l-kultura bl-istess mod kif sar waqt iż-żjara li saret f'Ċipru f'Settembru 2009 għaċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ ma' Agia Napa.

13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**14.1. Status ta' *Blue Flag* lill-Bajja tal-Għadira (X/1/1/Vol II)**

14.2. Is-Sindku għarraf li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu qed taħdem biex tissottometti applikazzjoni sabiex il-Bajja tal-Għadira tingħata l-i*status* ta' *Blue Flag* mill-organizzazzjoni Blue Flag International. Fit-2 ta' Marzu 2010 huwa ltaqa' mas-Sur Oliver Farrugia mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, mal-konsulent mqabbad mill-istess awtorita` il-Perit Adrian Mallia, meta ġew indikati numru ta' kriterji li l-bajja trid tissodisfa biex jintlaħaq dan il-livell. Is-Sur R. Cutajar qal li ser issir laqgħa oħra dwar dan is-suġġett mal-Malta Hotels and Restaurants Association fl-1 ta' April 2010.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1. Artikoli fil-gazzetti dwar il-Manikata (M/1)**

15.2. Is-Sindku rrefera għal żewġ artikoli li dehru fil-gazzetta "Illum" miktub minn Charlot Zahra u ieħor fil-"Maltatoday", taħt it-titlu "Xaqq ta' dawl għar-residenti tal-Manikata li jkollhom kumitat amministrattiv" u "*Lacking an administrative council in* Manikata", it-tnejn dehru fit-28 ta' Frar 2010. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li dawn artikoli nkitbu b'intervent mill-Kunsillier C. Bartolo u fihom intqal illi sar ftit xejn f'dak li jirrigwarda proġetti kapitali fil-

Manikata minn Kunsilli Nazzjonalisti. Intqal ukoll li kien hemm l-opportunita` li din is-sitwazzjoni setgħet tingħeleb kienu l-Manikata ngħatat kumitat amministrattiv għaliha. Huwa qal li dawn l-artikoli ma jistgħux jittieħdu bħala kritika kostruttiva għaliex it-toroq u l-bankini kollha f'dan ir-raħal saru kollha mill-ġdid fis-sena 2000, liema proġett kien sewa 'il fuq minn €366,000, meta kien hemm Kunsill immexxi minn maġġoranza Nazzjonalista.

15.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li Triq il-Wilġa saret fl-2007 meta huwa kien Sindku.

15.4. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li l-artikolu tiegħu ntbagħat lill-diversi gazzetti, inkluż "Il-Mument". Aċċenna wkoll illi huwa minnu li bin-nuqqas ta' kumitat amministrattiv ma jkunx hemm l-opportunita` li jsiru applikazzjonijiet għall-fondi taħt id-diversi programmi ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea.

15.5. Is-Sindku wieġeb li talbiet ta' dan it-tip, xorta waħda jistgħu jsiru mill-Kunsill flimkien ma' għaqdiet mill-istess raħal, kif fil-fatt diġa saru. Kompla jgħid li huwa ferm sorprentendi kif qed jiġu espressi fehmiet favur finanzjament mill-Unjoni Ewropea minn min kien kontra li Malta tkun membru fl-istess Unjoni. Is-Sur C. Cutajar qal li l-partit tiegħu kien konsistenti fil-fehma tiegħu u ħadem bi sħiħ biex jintlaħaq dan il-għan.

15.6. Il-Kunsillier H. Fenech ilmenta li mhux ġustifikat illi Kunsillier jikteb fil-media kontra l-Kunsill li huwa jifforma parti. Ikun aħjar li l-Kunsillieri jaġixxu b'mod kollettiv bħala kunsill wieħed li jħares l-interessi tal-lokalita`, irrispettivament minn ikollu l-maġġoranza.

15.7. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għal okkażjonijiet, fejn il-Kunsillieri Laburisti appoġġjaw pubblikament deċiżjonijiet meħuda, fosthom dwar il-*barbecues* u l-ikkampjar.

15.8. Is-Sur R. Cutajar qal li minkejja dan, xorta waħda mhux ġustifikat li wieħed jgħawweġ il-fatti, kif sar fir-rigward tal-artiklu dwar il-Manikata. Huwa appella sabiex l-interess tal-lokalita` jitpoġġa fuq quddiem nett, għaliex ma jagħmilx ġid li wieħed jilgħab għall-gallarija.

## 16.1. Żjara mill-Ambaxxatur Olandiż (M/4/5)

16.2. Is-Sindku aċċenna għall-istedina li saret mill-Kunsill flimkien mal-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate, lill-E.T. Robbert Jan Gabrielse, l-Ambaxxatur ta' l-Olanda għall-Malta. Iż-żjara kienet tikkonsisti f'laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill, fejn attendew uffiċjali tal-istess għaqda. Fil-laqgħa ntwera *feature* dwar il-Mellieħa, u wara l-ambaxxatur ittieħed għal żjara fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u fix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija. Il-membri tal-Għaqda wrew ir-riżultat tax-xogħol ta' tindif li huma għamlu fil-Wied Ta' Għajn Żejtuna. Iż-żjara ntemmet b'bibita' u ikel tradizzjonali fil-qasam tal-Koperattiva Rurali tal-Manikata.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Inizjattiva promozzjonali għall-Mellieħa f'Ċipru (T/12/2

17.2. Is-Sindku għarraf li kif kien miftiehem aktar qabel, fil-5 ta' Marzu 2010 ittellgħet konferenza konferenza stampa ġewwa Limasol, f'Ċipru fejn saret it-tnedija ta' *brochure* promozzjonali dwar il-Mellieħa. Għaliha attendew l-istazzjonijiet tat-televiżjoni u l-gazzetta ewlenin ta' Ċipru. Ġew stampati 10,000 kopja tal-*brochure* bil-lingwa Griega. Barra mis-Sindku, għat-tnedija ta' dan il-*brochure* kien hemm preżenti wkoll is-Sur Oliver Farrugia mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, is-Sinjura Rachel Vella minn ROCS Group u s-Segretarju Eżekuttiv Carmel Debono.

17.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li saret laqgħa mas-Sindku ta' Agia Napa, Antonis Tsokkos u Maria Toffini l-kordinatur tal-attivitajiet kulturali fil-Kunsill Lokali ta' l-istess lokalita`. Ġiet diskussa l-possibilita` li jiġu organizzati attivitament bis-sehem taż-żewġ kunsilli.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Ħarġiet kulturali u edukattivi (A/5/5/Vol III)

18.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li qed jiġu organizzati żewġ ħarġiet għat-30 ta' Marzu u l-1 ta' April 2010, li ser ikunu jikkonsistu fi żjara fl-impjant tal-Malta Dairy Products fil-Ħamrun u il-wirja tal-Mejda tal-Appostli li ssir fil-Kwartieri Ġenerali tal-Puliżija.

18.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**19.1. 35 Anniversarju mit-twaqqif tal-Mellieħa Stage Friends (S/6/Vol III)**

19.2. Is-Sindku ppropona li bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, il-Mellieħa Stage Friends Dramatic Company ittellgħa attivita' fis-Sala tal-Komunita` fl-okkażjoni tal-35 anniversarju mit-twaqqif tal-istess għaqda nhar is-Sibt, 10 ta' April 2010, li d-dħul għaliha jkun mingħajr ħlas.

19.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u għalhekk ġie deċiż li l-kontribut tiegħu għandu jkun l-istampar tal-ktejjebli ser jiġi ppubblikat għall-okkażjoni, sa massimu ta' €300, kif ukoll jagħmel tajjeb għall-użu tas-Sala tal-Komunita`.

**20.1. Tabelli bin-numri ta' emergenza (P/9/1/Vol III)**

20.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona li fil-ġonna pubbliċi u l-*playing fields* kollha, inkluż fl-inħawi tal-Imġiebaħ għandhom jitwaħħlu tabelli li jindikaw in-numru ta' emerġenza tal-Pulizija, sabiex il-pubbliku jiġi mħajjar jirrapporta każi ta' vandaliżmu f'dawn il-postijiet.

20.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

**21.1. Tisbiħ tar-*roundabout* fi Triq Qasam Barrani / Mithna l-Gdida (K/6/4/1)**

21.2. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa fiex waslu t-tħejjijiet biex isir monument fuq ir-*roundabout* imsemmija, kif ukoll x'ser ikun is-sinifikat tiegħu.

21.3. Is-Sindku qal li l-monument ser ikun skond l-abbozz li kien ġie muri lill-Kunsillieri kollha f'Settembru 2009. Dan ser ifakkar it-tliet ġemellaġġi li l-Kunsill għandu mal-lokalitajiet ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa, kif ukoll l-għoti tal-Premju *European Destination of Excellence fl-2009*. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li hem mil-possibilta` li l-istess monument jiġi ffinanzjat mill-Proġett OASIS, kemm-il darba dan jiġi approvat.

**22.1. Milied Mellieħi 2009 (A/5/3/6/Vol II)**

22.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-attivitajiet li seħħew bejn id-19 u l-24 ta' Diċembru 2009 bħala parti mill-Milied Mellieħi 2009. Huwa talab li l-Kunsill jingħata rendikont tad-dħul u l-ispejjeż li kien hemm.

22.3. Ittieħdet nota ta' dan il-punt, sabiex ir-rendikont jingħata fis-seduta li jmiss.

**23.1. Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)**

23.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna li hemm persuni li għandhom raba fl-inħawi Tal-Ibraġ illi huma mħassba li ser jitilfu l-istess raba, minħabba li l-art ser tittieħed għall-proġett imsemmi.

23.2. Is-Sindku wieġeb li sa fejn huwa magħruf, hemm tliet individwi li ser jintlaqtu billi għandhom qbiela fil-parti fejn ġejja l-korsa tal-atletika u l-*multi-purpose court*. Dawn intalbu jgħaddu pjanta li tindika ir-raba illi mhux qed jinħadem fl-istess inħawi. Dan bil-għan li jkunu jistgħu jiġu kkumpensati biħ, sa fejn huwa possibbli. Fejn hemm is-siġar dawn ikunu jistgħu jitħallew jew jingħataw oħrajn biex jitħawwlu mill-ġdid. Ingħatat assikurazzjoni li s-siġar tal-ħarrub ma kinux ser jintmessu.

**24.1. Sorsi ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea (P/10/1)**

24.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li ħa inizjattiva sabiex jirreġistra l-interess tal-Kunsill fil-parteċipazzjoni ta' proġett iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, billi inkluda l-isem tal-Kunsill f'diversi siti elettroniċi intiżi sabiex wieħed ikun jista' jsib organizzazzjonijiet interessati.

24.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 5 ta' April 2010, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |